MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 366/2013

**Inspirations Limited (C41431)**

**vs**

**Clint Debono (ID 62775M)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta’ Rikorrenti qed titlob minghand il-Konvenut il-hlas ta’ elfejn u sitta u tletin Ewro (€2036) prezz ta’ xoghol mibjugh u lilu konsenjat fuq ordni tieghu.

B’RISPOSTA l-Intimat qal li m’ghandu jati xejn stante nuqqas ta’ adempiment ta’ obbligi kontrattwali. Is-Socjeta’ Attrici ghadha ma kkonsenjatx l-ghamara li obbligat ruhha li tikkonsenja.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li izda jitqiesu flimkien ma kulma tressaq quddiem it-TRIBUNAL inkluzi dokumenti u li jinsab fil-process.

2. **Tonio Vella**, After Sales Manager tas-Socjeta' Rikorrenti qal li l-Intimat ordna diversi oggetti li kollha gew konsenjati lilu inkluza "coffee table" li dwarha kellu xi problema. Esibixxa Dok TV1 sa 8 (ara *fol* 18 sa 30) tal-istabbilment THE ATRIUM. Il-"coffee table" hi element fid-Dok TV4.

3. In kontro-ezami qal li hu qatt ma ltaqa personalment mal-Intimat. Dwar il-"coffee table" sar jaf minn rapprezentant li mar fil-fond. Mistoqsi jekk gibdulux l-attenzjoni fuq ilment dwar gwardarobba, bedside table u TV unit qal li mhux minnu, le. Replacement tal-"coffee table" li ftehmu li tintbaghat ma ntbatietx ghax ma thallasx il-bilanc li kellu jithallas. Dik originali ghadha f'idejn l-Intimat. (ara xhieda dettaljata *a fol* 16 u *fol* 41/42).

4. **Clint Debono** kkonferma l-ordni li ghamel u li kien hallas 30% depozitu. Hu ta xhieda dettaljata tad-difetti li sab fid-diversi items konsenjati lilu u r-rimedji mehtiega. Semma l-korrispondenza li ghaddiet. (Hawn issir riferenza ghax-xhieda *a fol* 33A u B tal-process).

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL sama x-xhieda taz-zewg nahat, limitata ghal dik tal-After Sales manager fil-kaz tas-Socjeta' Rikorrenti; ezamina d-dokumenti esibiti u wara li qies ukoll in-Nota ta' Sottomissjonijiet prezentata minn kull naha jikkunsidra kif gej.

2. L-ewwelnett wiehed izomm quddiem ghajnejh li minn jordna bicciet ta' ghamara ghandu dritt li tigi konsenjata lilu ghamara tajba ghall-flus tajba li jkun hallas. Ix-xerrej ma jistenniex li jidhol f'inkwiet minhabba difetti u li b'xi mod jaccetta *items* difettuzi. Minn naha tax-xerrej izda ma jistax jilminta u jibqa lura fil-hlas (minhabba difetti) u fl-istess hin jibqa fil-pussess u dgawdija tal-ghamara. F'kazi estremi hemm anke l-obbligu li ma jaccettax il-konsenja jew sahansitra li jiddepozitha taht l-awtorita' tal-Qorti.

3. Minn dak li r-rizultalu, it-TRIBUNAL iqis li r-relazjzonijiet bejn il-kontendenti nqatghu u issa, b'sens ta' ekwita' wiehed irid iqis biss x'bilanc ghandu jhallas l-Intimat waqt li jibqa jzomm l-ghamara. Bilanc li ghandu jqis ukoll xi spejjes irid jinkorri l-Intimat ghal xi rimedju minn naha tieghu.

4. Meta jqis kollox it-TRIBUNAL jiddeciedi li minn dak mitlub l-Intimat ghandu jhallas biss elf u mitejn Ewro (€1,200)

IV DECIZJONI

1. It-TRIBUNAL **jiddeciedi** (1) billi **jilqa** t-Talba fl-AVVIZ fl-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) u jichadha dwar il-bqija (2) **jilqa** l-eccezzjonijiet

parzjalment biss u in kwantu kompatibbli ma dak deciz dwar it-Talba (3) jikkundanna lill-Intimat biex, fi zmien ghaxart ijiem mil-lum ihallas lis-Socjeta' Rikorrenti l-*quantum* ta' €1,200 b'dana li f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u, fic-cirkostanzi (4) **jordna** li l-ispejjes tal-AVVIZ u dawk l-ohra mitluba fl-AVVIZ ikunu sopportati nofs b'nofs (50:50) bejn il-kontendenti

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------